MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 239/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Benjamin Calleja sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Benjamin Calleja**

**vs**

**Massimiliano Galea**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm683.63c (sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tad-9 ta' April 2001 f'Triq Dun Karm, Msida bejn vettura numru ta' registrazzjoni KAS 909 misjuqa mill-konvenut u vettura numru ta' registrazzjoni CAI 337 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Benjamin Calleja, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-

imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm6.00c (sitt liri Maltin) tal-konsult u tal-ittra ufficjali prezentata fis-27 ta’ Gunju, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba tal-attur hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-incident in kwistjoni sehh b’tort unikament ta’ Benjamin Calleja sewwieq tal-vettura CAI 337 u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Benjamin Calleja.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija wahda ezagerata.

Salv eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Il-kawza in dezamina tikkoncerna habta li saret vicin ir-roundabout fir-Regional Road, University Heights. L-assigurat tas-socjeta’ attrici kien qed isuq wara xarabank billi jinzel l-isfel in-nizla ghall-Imsida. L-konvenut sporga ruhu minn Triq il-Punent, fuq ix-xellug tal-istess assigurat tal-attur. Di fatti d-daqqa tal-konvenut kienet fuq quddiem, filwaqt tal-vettura l-ohra kienet fuq iz-zewg bibien tax-xellug.

Mhux kontestat illi Regional Road hija principali anzi arterja, filwaqt li Triq il-Punent taghti ghal go fiha, allura hija sekondarja. Aktar u aktar meta l-assigurat tal-attur gja kien fuq ir-roundabout u l-konvenut ried jibqa sejjer dritt ghal fuqha. L-spot of impact hemm kien. Illi jigi rilevat li sewwieq li ser jisporgi minn triq sekondarja ghal din principali aktar u aktar arterja principali u traffikuza, apparti li jaghti d-dritta, ghandhu wkoll jezercita dik l-attenzjoni u prudenza biex ma jostakolax il-free flow of traffic u ma jkunx ta’ perikolu sia ghalih innifsu u sia ghal terzi utenti fit-triq. Ghandhu jezercita dik id-diligenza debita sabiex meta jemani ruhu fit-triq, ikun esplora sew it-triq biex ma jikkostitwixxi l-ebda sinistru. Kieku jsir dan kollu zgur li ma jigux kagunati l-eda kollizzjonijiet. Pero’ bhala kull kollizzjoni dan ma sarx.

Di fatti, l-konvenut kien aktar attent ghax-xarabank li kien quddiem il-vettura li habat maghha milli ghal din l-istess vettura. Ta l-precedenza lilha izda dik misjuqa minn Calleja le. T-Tribunal ma jiskontra l-ebda nuqqas fil-mod tas-sewqan tal-istess Calleja. Relattivament ghad-danni, dawna ma gewx kontestati u ghalhekk ghandhom jigu konsiderati bhala pruvati.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa’ t-talbiet attrici u jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni u jikkundannah ihallas is-somma ta Lm683.63c (sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) in kwantu ghal Lm658.63c (sitt mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) lis-socjeta’ attrici u Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) lil attur bhala rifuzjoni tal-exess minnhu mhallas, bl-ispejjez u bl-interessi mill-4 ta’ Frar, 2002, kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**

## Gudikatur